SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

20 ta' Diċembru 2017*

"Appell – Għajnuna mill-Istat – Televiżjoni diġitali – Għajnuna għat-tnedija tat-televiżjoni diġitali terrestri f'żoni remoti u inqas urbanizzati – Sussidju favur operaturi ta' pjattaformi tat-televiżjoni diġitali terrestri – Deċiżjoni li tiddikjara l-miżuri ta' għajnuna parzjalment inkompatibbli mas-suq intern – Kunċett ta' 'għajnuna mill-Istat' – Vantaġġ – Servizz ta' interess ekonomiku ġenerali – Definizzjoni – Marġni ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri"

Fil-Kawża C-81/16 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fit-12 ta' Frar 2016

Ir-Renju ta' Spanja, irrappreżentat minn A. Sampol Pucurull, M. J. García Valdecasas Dorrego u A. Rubio González, bħala aġenti,

appellant,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn P. Němečková kif ukoll minn É. Gippini Fournier u B. Stromsky, bħala aġenti,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn T. von Danwitz, President tal-Awla, C. Vajda, E. Juhász, K. Jürimäe (Relatur) u C. Lycourgos, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Wathelet,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-7 ta' Settembru 2017,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

Sentenza

1 Permezz tal-appell tiegħu, ir-Renju ta' Spanja jitlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-26 ta' Novembru 2015, Spanja vs Il-Kummissjoni (T-461/13, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2015:891), li permezz tagħha hija ċaħdet ir-rikors tiegħu intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni 2014/489/UE tal-Kummissjoni, tad-19 ta' Ġunju 2013, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.28599 ((C 23/2010) (ex NN 36/2010, ex CP 163/2009)) implementata mir-Renju ta' Spanja għat-tnedija tat-televiżjoni diġitali terrestri f'żoni remoti u inqas urbanizzati ('il barra minn Castilla-Mancha) (ĠU 2014, L 217, p. 52, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kkontestata

2 Il-fatti li wasslu għall-kawża ġew esposti mill-Qorti Ġenerali fil-punti 1 sa 22 tas-sentenza appellata. Għall-finijiet ta' din il-proċedura, dawn jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej.

3 Din il-kawża tikkonċerna serje ta' miżuri implementati mill-awtoritajiet Spanjoli fil-kuntest tal-mogħdija mix-xandir analoġiku għax-xandir diġitali fi Spanja fit-territorju Spanjol kollu, ħlief għall-Comunidad Autónoma de Castilla-La-Mancha (il-Komunità Awtonoma ta' Castilla-La Mancha, Spanja) (iktar 'il quddiem il-"miżura inkwistjoni").

4 Ir-Renju ta' Spanja stabbilixxa qafas leġiżlattiv għall-promozzjoni tal-proċess ta' tranżizzjoni mix-xandir analoġiku għax-xandir diġitali, b'mod partikolari bil-promulgazzjoni tal-Ley 10/2005 de Medidas Urgentes para el Impulso de la Televisión Digital Terrestre, de Liberalización de la Televisión por Cable y de Fomento del Pluralismo (Liġi 10/2005 li tistabbilixxi miżuri urġenti għall-iżvilupp tat-televiżjoni diġitali terrestri, għal-liberalizzazzjoni tat-televiżjoni bil-kejbil u għat-tħeġġiġ tal-pluraliżmu), tal-14 ta' Ġunju 2005 (BOE Nru 142, tal-15 ta' Ġunju 2005, p. 20562) u r-Real Decreto 944/2005 por el que se aprueba el Plan técnico nacional de la televisión digital terrestre (Digriet Irjali 944/2005 li japprova l-programm tekniku nazzjonali favur it-televiżjoni diġitali terrestri), tad-29 ta' Lulju 2005 (BOE Nru 181, tat-30 ta' Lulju 2005, p. 27006). Dan id-digriet irjali impona fuq ix-xandara nazzjonali privati u pubbliċi l-obbligu li jiżguraw li 96 % u 98 % rispettivament tal-popolazzjoni jirċievu t-televiżjoni diġitali terrestri (TDT).

5 Sabiex jippermettu l-mogħdija mit-televiżjoni analoġika għat-TDT, l-awtoritajiet Spanjoli qasmu t-territorju Spanjol fi tliet żoni separati, rispettivament imsemmija "żona I", "żona II" u "żona III". Iż-żona II, inkwistjoni f'din il-kawża, tinkludi reġjuni inqas urbanizzati u mbiegħda li jirrappreżentaw 2.5 % tal-popolazzjoni Spanjola. F'din iż-żona, ix-xandara, fin-nuqqas ta' interess kummerċjali, ma kinux investew fid-diġitalizzazzjoni, u dan wassal sabiex ikun hemm finanzjament pubbliku min-naħa tal-awtoritajiet Spanjoli.

6 F'Settembru 2007, il-Consejo de Ministros (il-kabinett, Spanja) adotta l-programm nazzjonali għall-mogħdija għat-TDT li l-għan tiegħu kien li r-rata ta' kopertura tal-popolazzjoni Spanjola bis-servizz TDT tilħaq rata analoga għal dik milħuqa bit-televiżjoni analoġika fl-2007, jiġifieri iktar minn 98 % ta' din il-popolazzjoni u l-popolazzjoni fit-totalità jew fil-kważi totalità tagħha fil-komunitajiet awtonomi tal-País Vasco, tal-Cataluña u ta' Navarra (Spanja).

7 Sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' kopertura stabbiliti għat-TDT, l-awtoritajiet Spanjoli pprevedew l-għoti ta' finanzjament pubbliku, b'mod partikolari insostenn tal-proċess ta' diġitalizzazzjoni terrestri fiż-żona II u b'mod iktar partikolari fi ħdan ir-reġjuni tal-komunitajiet awtonomi li jinsabu f'din iż-żona.

8 Fi Frar 2008, il-Ministerio de Industria, Turismo y Comercio (Il-Ministeru għall-Industrija, it-Turiżmu u l-Kummerċ, Spanja) (iktar 'il quddiem il-"MITC") adotta deċiżjoni intiża sabiex itejjeb l-infrastrutturi tat-telekomunikazzjonijiet u tistabbilixxi l-kriterji kif ukoll it-tqassim tal-finanzjament tal-azzjonijiet

favur l-iżvilupp tas-soċjetà tal-informazzjoni fil-kuntest ta' pjan intitolat "Plan Avanza". Il-baġit approvat abbażi ta' din id-deċiżjoni ġie allokat parzjalment għad-diġitalizzazzjoni tat-televiżjoni fiż-żona II.

9 Din id-diġitalizzazzjoni seħħet bejn Lulju u Novembru 2008. Il-MITC sussegwentement ittrasferixxa fondi lill-komunitajiet awtonomi, li impenjaw ruħhom li permezz tar-riżorsi baġitarji tagħhom stess ikopru l-ispejjeż l-oħra marbuta mal-operazzjoni.

10 F'Ottubru 2008, il-kabinett Spanjol iddeċieda li jagħti fondi addizzjonali sabiex jestendi u jikkompleta l-kopertura tat-TDT fil-kuntest tal-proġetti ta' mogħdija lejn id-diġitali li kellhom jiġu implementati matul l-ewwel semestru tal-2009.

11 Sussegwentement, il-komunitajiet awtonomi bdew il-proċess ta' estensjoni tat-TDT. Fil-fatt, dawn organizzaw sejħiet għal offerti jew fdaw din l-estensjoni f'idejn impriżi privati. F'ċerti każijiet, il-komunitajiet awtonomi talbu lill-kunsilli jinkarigaw ruħhom mill-imsemmija estensjoni.

12 Fit-18 ta' Mejju 2009, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet ilment mingħand SES Astra SA li kien jirrigwarda skema ta' għajnuna min-naħa tal-awtoritajiet Spanjoli favur il-mogħdija mit-televiżjoni analoġika lejn it-TDT fiż-żona II. Skont SES Astra, din l-iskema kienet tinvolvi għajnuna mhux innotifikata li tista' toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn il-pjattaforma ta' xandir terrestri u dik tax-xandir satellitari.

13 Permezz ta' ittra tad-29 ta' Settembru 2010, il-Kummissjoni informat lir-Renju ta' Spanja bid-deċiżjoni tagħha li tiftaħ il-proċedura msemmija fl-Artikolu 108(2) TFUE fir-rigward tal-iskema ta' għajnuna inkwistjoni fit-territorju Spanjol kollu, ħlief għall-komunità awtonoma ta' Castilla-La Mancha, reġjun li fir-rigward tiegħu nfetħet proċedura indipendenti.

14 Il-Kummissjoni wara dan adottat id-deċiżjoni kkontestata li l-Artikolu 1 tad-dispożittiv tagħha jiddikjara li l-għajnuna mill-Istat mogħtija lill-operaturi tal-pjattaforma tat-televiżjoni terrestri għat-tnedija, il-manutenzjoni u t-tħaddim tan-netwerk TDT fiż-żona II, ġiet implementata bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 108(3) TFUE, u li hija inkompatibbli mas-suq intern, għajr għall-għajnuna li ngħatat f'konformità mal-prinċipju ta' newtralità teknoloġika. L-Artikolu 3 tad-dispożittiv ta' din id-deċiżjoni jordna l-irkupru ta' din l-għajnuna inkompatibbli mingħand operaturi tat-TDT, irrispettivament minn jekk irċevewx l-għajnuna direttament jew indirettament.

15 Fil-motivi tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset, fl-ewwel lok, li d-diversi strumenti adottati fuq livell ċentrali u l-ftehimiet li kienu ġew konklużi u emendati bejn l-MITC u l-komunitajiet awtonomi kienu jikkostitwixxu l-bażi tal-iskema ta' għajnuna għall-estensjoni tat-TDT fiż-żona II. Fil-prattika, il-komunitajiet awtonomi applikaw l-indikazzjonijiet tal-Gvern Spanjol dwar l-estensjoni tat-TDT.

16 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni kkonstatat li l-miżura inkwistjoni kellha titqies li hija għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni osservat, b'mod partikolari, li l-awtoritajiet Spanjoli ppreżentaw biss il-każ tal-komunità awtonoma tal-País Vasco sabiex jinvokaw l-assenza ta' għajnuna mill-Istat skont il-kriterji imposti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg (C-280/00, iktar 'il quddiem is-"sentenza Altmark", Ġabra, EU:C:2003:415). Madankollu, l-ewwel kriterju ta' din is-sentenza (iktar 'il quddiem l-"ewwel kriterju Altmark"), li jipprovdi, minn naħa, li l-impriża benefiċjarja għandha tkun effettivament inkarigata mit-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku u, min-naħa l-oħra, li dawn l-obbligi għandhom ikunu ddefiniti b'mod ċar, ma kienx, skont il-Kummissjoni, issodisfatt. Barra minn hekk, fl-assenza ta' garanzija tal-inqas spiża fl-interess ġenerali tal-imsemmija komunità awtonoma, ir-raba' kriterju tal-imsemmija sentenza (iktar 'il quddiem ir-"raba' kriterju Altmark"), lanqas ma kien issodisfatt.

17 Fit-tielet lok, il-Kummissjoni qieset li l-miżura inkwistjoni ma setgħetx titqies li hija għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern, skont l-Artikolu 107(3)(ċ) TFUE, minkejja l-fatt li din il-miżura kienet intiża li tilħaq għan ta' interess komuni tabilħaqq speċifiku u li kien hemm nuqqasijiet fis-suq ikkonċernat. Skont il-Kummissjoni, ladarba l-imsemmija miżura ma kinitx tirrispetta l-prinċipju ta' newtralità teknoloġika, din ma kinitx proporzjonali u ma kinitx tikkostitwixxi strument xieraq sabiex tiġi ggarantita l-kopertura tal-kanali FTA lir-residenti taż-żona II.

18 Fir-raba' lok, il-Kummissjoni qieset li, fl-assenza ta' definizzjoni preċiża biżżejjed tat-tħaddim ta' pjattaforma terrestri inkwantu servizz pubbliku, il-miżura inkwistjoni ma setgħetx tkun iġġustifikata abbażi tal-Artikolu 106(2) TFUE.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

19 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-30 ta' Awwissu 2013, ir-Renju ta' Spanja ressaq il-kawża tiegħu intiża għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

20 Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-Renju ta' Spanja ressaq ħames motivi. L-ewwel motiv kien ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE. It-tieni motiv, imressaq sussidjarjament, kien jirrigwarda l-kompatibbiltà tal-għajnuna preżunta inkwistjoni mas-suq intern. Dan il-motiv kien ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni previsti fl-Artikolu 106(2) TFUE u fl-Artikolu 107(3)(ċ) TFUE. Permezz tat-tielet motiv, ir-Renju ta' Spanja sostna ksur tar-regoli proċedurali. Ir-raba' motiv, imressaq sussidjarjament, kien jirrigwarda t-talba ta' rkupru tal-għajnuna u kien ibbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali, ta' ugwaljanza fit-trattament, ta' proporzjonalità u ta' sussidjarjetà. Permezz tal-ħames motiv, ir-Renju ta' Spanja sostna, sussidjarjament, ksur tad-dritt fundamentali għall-informazzjoni fir-rigward tal-irkupru tal-għajnuna

21 Il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ewwel aggravju għaliex infondat.

22 Għal dan il-għan, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument tar-Renju ta' Spanja li jgħid li l-miżura inkwistjoni ma setgħetx tiġi kklassifikata bħala "għajnuna mill-Istat" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE fin-nuqqas tal-għoti ta' vantaġġ ekonomiku lill-benefiċjarji, sa fejn il-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark (C-280/00, EU:C:2003:415) kienu ssodisfatti.

23 Fir-rigward tal-ewwel kriterju Altmark, dwar l-eżekuzzjoni ta' obbligi ta' servizz pubbliku, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punti 53 sa 78 tas-sentenza appellata, li r-Renju ta' Spanja ma kienx wera li l-Kummissjoni kienet żbaljatament qieset li, fl-assenza ta' definizzjoni ċara tas-servizz inkwistjoni, jiġifieri t-tnedija, il-manutenzjoni u t-tħaddim ta' netwerk TDT fiż-żona II, bħala servizz pubbliku, l-imsemmi kriterju ma kienx issodisfatt.

24 Fir-rigward tar-raba' kriterju Altmark, dwar il-garanzija tal-inqas spiża għall-kollettività, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punti 79 sa 83 tas-sentenza appellata, li l-imsemmi Stat Membru lanqas ma kien wera li l-Kummissjoni kienet żbaljata meta ddeċidiet li dan il-kriterju ma kienx issodisfatt, sa fejn l-istess Stat Membru kien essenzjalment illimita ruħu li jsostni li, meta mqabbla mal-pjattaforma satellitari, il-pjattaforma terrestri kienet l-iktar soluzjoni effiċjenti f'termini ta' spejjeż, għaliex kienet diġà teżisti l-infrastruttura għat-televiżjoni terrestri analoġika.

25 Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ukoll, fuq il-mertu, l-argumenti tar-Renju ta' Spanja dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 107(3)(ċ) TFUE, kif ukoll it-tliet motivi l-oħra mressqa minnu u, konsegwentement, ċaħdet ir-rikorsi fit-totalità tiegħu.

It-talbiet tal-partijiet

26 Permezz tal-appell tiegħu, ir-Renju ta' Spanja jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tannulla d-deċiżjoni kkontestata, u

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

27 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad l-appell u tikkundanna lir-Renju ta' Spanja għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

28 Insostenn tal-appell tiegħu, ir-Renju ta' Spanja jinvoka żewġ aggravji.

Fuq l-ewwel aggravju

29 L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi dwar l-istħarriġ tad-definizzjoni u l-implementazzjoni mill-Istati Membri ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali (iktar 'il quddiem is-"SIEĠ"). Dan l-aggravju huwa maqsum f'żewġ partijiet.

Fuq l-ewwel parti

– L-argumenti tal-partijiet

30 Permezz tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju tiegħu, ir-Renju ta' Spanja jikkritika l-punti 53 sa 78 tas-sentenza appellata dwar l-eżami, mill-Qorti Ġenerali, tal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li wasslet sabiex din l-istituzzjoni tiddeċiedi li l-ewwel kriterju Altmark ma kienx sodisfatt.

31 Dan l-Istat Membru jsostni li l-Qorti Ġenerali tibbaża r-raġunament tagħha fuq premessi żbaljati sa fejn hija ddeċidiet, l-ewwel nett, li ma kienx hemm lok li jittieħdu inkunsiderazzjoni, minbarra l-kuntest ġuridiku, l-atti kollha tal-awtoritajiet Spanjoli li permezz tagħhom l-operaturi kkonċernati ġew inkarigati mit-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku, it-tieni nett, li r-Renju ta' Spanja ma kien ipproduċa quddiemha l-ebda kuntratt li jimponi obbligi ta' servizz pubbliku fuq dawn l-operaturi u, it-tielet nett, li l-ebda komunità awtonoma oħra għajr il-País Vasco ma kienet għamlet argument li jista' juri li t-tħaddim tan-netwerk terrestri kien servizz pubbliku. Minn dan jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx eżami suffiċjentement ċirkostanzjat sabiex jiġi ddeterminat jekk l-awtoritajiet Spanjoli kinux wettqu żball manifest fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħhom fir-rigward tad-definizzjoni tas-SIEĠ inkwistjoni.

32 Fl-ewwel lok, l-analiżi tal-kuntest ġuridiku mgħamula mill-Qorti Ġenerali hija manifestament żbaljata. Fil-fatt, il-Ley 32/2003, General de Telecomunicaciones (Liġi Ġenerali 32/2003 dwar it-telekomunikazzjonijiet), tat-3 ta' Novembru 2003 (BOE Nru 264, tal-4 ta' Novembru 2003, p. 38890), tikklassifika espliċitament it-tħaddim tan-netwerks tar-radju u tat-televiżjoni bħala SIEĠ u ma huwiex possibbli, fid-dawl tal-ġurisprudenza, li r-rilevanza ta' din il-liġi ma tiġix aċċettata minħabba li din tapplika għall-operaturi kollha tas-settur u mhux għal uħud minnhom.

33 Fit-tieni lok, l-atti tad-dritt nazzjonali u l-kuntratti konklużi mill-awtoritajiet Spanjoli mhux biss jiddefinixxu u jafdaw it-tħaddim tas-SIEĠ f'idejn ċerti operaturi, iżda jagħmlu wkoll riferiment b'mod ċar għat-teknoloġija terrestri. Dawn l-atti ttieħdu inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni, b'mod partikolari fil-premessi 23 sa 36 tad-deċiżjoni kkontestata, u mill-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi li kienet teżisti għajnuna mill-Istat.

34 F'dan ir-rigward, ir-Renju ta' Spanja jsostni li l-provi li jistgħu jiġu prodotti fil-kuntest tal-proċedura ġudizzjarja, f'dan il-każ il-kuntratti li jimponu obbligi ta' servizz pubbliku, ma humiex rilevanti għall-istħarriġ tal-legalità ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, fost l-obbligi proċedurali li għandhom jiġu osservati, hemm l-obbligu li l-Kummissjoni teżamina, b'reqqa u b'imparzjalità, l-elementi rilevanti kollha u li timmotiva d-deċiżjoni tagħha.

35 F'dan il-każ, il-Kummissjoni kellha tieħu inkunsiderazzjoni s-sejħiet għal offerti organizzati f'ċerti komunitajiet awtonomi, li, hekk kif barra minn hekk jirriżulta mid-deskrizzjoni tal-miżura inkwistjoni, mwettqa b'mod partikolari fil-premessi 32 sa 34 tad-deċiżjoni kkontestata, jifformaw parti integrali minn din il-miżura.

36 Fit-tielet lok, ir-Renju ta' Spanja jsostni li l-Qorti Ġenerali ma setgħetx tafferma li ebda komunità awtonoma oħra minbarra l-País Vasco ma kienet uriet il-kwalità ta' SIEĠ tat-tħaddim tan-netwerk terrestri, sa fejn il-Kummissjoni eżaminat kampjun ta' 82 sejħa għal offerti sabiex tevalwa l-kompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq intern, hekk kif dan jirriżulta min-nota ta' qiegħ il-pagna 29 tad-deċiżjoni kkontestata. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ma vverifikatx jekk il-Kummissjoni kinitx eżaminat sewwa l-elementi rilevanti kollha biex tiddefinixxi s-servizz pubbliku inkwistjoni.

37 Il-Kummissjoni tqis li din il-parti hija ineffettiva u, f'kull każ, inammissibbli u infondata.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

38 Permezz tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju tiegħu, ir-Renju ta' Spanja essenzjalment isostni li l-eżami tal-Qorti Ġenerali, f'dak li jirrigwarda l-ewwel kriterju Altmark, huwa vvizzjat b'diversi żbalji ta' liġi.

39 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-allegat żball li l-Qorti Ġenerali wettqet fl-evalwazzjoni tad-dritt nazzjonali, għandu jiġi osservat li, fil-punt 66 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ammettiet speċifikament li l-Liġi Ġenerali 32/2003 tikklassifika t-tħaddim ta' netwerks tar-radju u tat-televiżjoni bħala "servizz ta' interess ġenerali".

40 Issa, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 67 tas-sentenza appellata, li l-fatt li servizz ikun indikat bħala li huwa ta' interess ġenerali fid-dritt nazzjonali ma jimplikax li kull operatur li jwettqu huwa inkarigat mill-eżekuzzjoni ta' obbligi ta' servizz pubbliku ddefiniti b'mod ċar fis-sens tal-ewwel kriterju Altmark. Barra minn hekk, hija kkonstatat li mil-Liġi 32/2003 ma kienx jirriżulta li s-servizzi kollha ta' telekomunikazzjonijiet fi Spanja kellhom in-natura ta' SIEĠ fis-sens tas-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark (C-280/00, EU:C:2003:415), u li din il-liġi kienet espliċitament tipprevedi li s-servizzi ta' interess ġenerali kollha fis-sens tal-imsemmija liġi kellhom jiġu pprovduti fil-kuntest ta' sistema ta' kompetizzjoni libera.

41 Fil-punt 68 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali osservat ukoll li d-dispożizzjonijiet tal-Liġi Ġenerali 32/2003 huma kkaratterizzati min-newtralità teknoloġika tagħhom u li t-telekomunikazzjonijiet kienu t-trażmissjoni ta' sinjali permezz ta' kull netwerk ta' xandir u mhux permezz tan-netwerk terrestri b'mod partikolari. Il-Qorti Ġenerali qieset li, fid-dawl ta' dawn il-preċiżazzjonijiet tal-liġi Spanjola, ma jistax jiġi konklużż li, f'din il-liġi, it-tħaddim ta' netwerk terrestri kien iddefinit bħala servizz pubbliku fis-sens tas-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark (C-280/00, EU:C:2003:415).

42 F'dan ir-rigward, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti tal-Ġustizzja hija kompetenti, fil-kuntest tal-appell, biss sabiex tivverifika jekk kienx hemm żnaturament tad-dritt nazzjonali, li għandu jidher b'mod manifest mill-atti tal-proċess (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs Hansestadt Lübeck, C-524/14 P, EU:C:2016:971, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 Issa, f'dan il-każ, ir-Renju ta' Spanja ma sostniex u, *a fortiori*, ma weriex l-eżistenza ta' tali żnaturament tad-dritt nazzjonali. Fil-fatt, huwa la sostna u lanqas ma stabbilixxa li l-Qorti Ġenerali kienet wettqet kunsiderazzjonijiet li jmorru manifestament kontra l-kontenut tad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni Spanjola inkwistjoni jew li kienet tat lil waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet portata li ma kinitx manifestament tixirqilha fid-dawl tal-atti l-oħra tal-proċess.

44 Barra minn hekk, jekk jitqies li r-Renju ta' Spanja jsostni wkoll li l-Qorti Ġenerali wettqet klassifikazzjoni ġuridika żbaljata tal-Liġi Ġenerali 32/2003, għandu jiġi osservat, hekk kif għamel l-Avukat Ġenerali fil-punti 155 u 156 tal-konklużjonijiet tiegħu, li, fid-dawl tan-natura ekwivoka tal-punti ta' din il-liġi msemmija fil-punti 40 u 41 ta' din is-sentenza, id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali li tgħid li l-imsemmija liġi ma kinitx tippermetti li jitqies li l-operaturi li jħaddmu netwerks terrestri kienu ngħataw obbligi ta' servizz pubbliku ddefiniti b'mod ċar, skont l-ewwel kriterju tas-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark (C-280/00, EU:C:2003:415), ma hija vvizzjata b'ebda żball ta' liġi (sentenza tal-lum, Comunidad Autónoma del País Vasco *et* vs Il-Kummissjoni, C-66/16 P sa C-69/16 P, punt 102).

45 Fit-tieni lok, l-argument tar-Renju ta' Spanja invokat fil-punti 33 sa 35 ta' din is-sentenza huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza appellata.

46 Fil-fatt, l-ewwel nett, bil-kontra ta' dak li jallega r-Renju ta' Spanja, il-Qorti Ġenerali ma ddeċidietx li ma kienx hemm lok li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-atti kollha li permezz tagħhom l-awtoritajiet Spanjoli fdaw it-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku lill-operaturi kkonċernati.

47 Bil-kontra ta' dan, mill-punti 69 sa 73 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali eżaminat l-argument tar-Renju ta' Spanja li jgħid li l-imsemmija operaturi ġew inkarigati mit-twettiq ta' tali obbligi b'mod partikolari fil-kuntratti pubbliċi konklużi bejn l-istess operaturi u l-awtoritajiet Spanjoli, kif ukoll fil-ftehimiet interistituzzjonali konklużi bejn il-Gvern Bask, l-assoċjazzjoni tal-komuni Baski u t-tliet gvernijiet provinċjali Baski.

48 F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali osservat, fil-punt 71 tas-sentenza appellata, li l-mandat li jagħti l-missjoni ta' servizz pubbliku jista' jkopri atti li jirriżultaw minn ftehim, sakemm dawn ikunu ġejjin mill-awtorità pubblika u jkunu vinkolanti, *a fortiori* meta tali atti jikkonkretizzaw l-obbligi imposti mil-leġiżlazzjoni.

49 Madankollu, fl-imsemmi punt 71, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument tar-Renju ta' Spanja minħabba li, f'dan il-każ, dan tal-aħħar ma pprovda ebda kuntratt li jippermetti li jiġu sostnuti d-dikjarazzjonijiet tiegħu u li l-kwalità ta' SIEĠ tas-servizz inkwistjoni ma setgħetx, mingħajr ebda speċifikazzjoni min-naħa tal-awtoritajiet ikkonċernati, tiġi dedotta mis-sempliċi ċirkustanza li dan kien is-suġġett ta' kuntratt pubbliku.

50 Barra minn hekk, hekk kif jirriżulta mill-punt 72 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argumenti tar-Renju ta' Spanja dwar il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-assenza ta' definizzjoni tat-tħaddim tan-netwerk terrestri bħala servizz pubbliku fil-ftehimiet interistituzzjonali, minħabba li dawn il-konstatazzjonijiet ma ġewx ikkontestati quddiemha mir-Renju ta' Spanja.

51 It-tieni nett, l-argument tar-Renju ta' Spanja li jgħid li l-Qorti Ġenerali kienet żbaljata meta kkritikatu talli ma pproduċa, fil-kuntest tal-proċedura ġudizzjarja, l-ebda kuntratt li fih kienu ddefiniti l-obbligi ta' servizz pubbliku għandu jiġi miċħud għaliex infondat, minħabba li dan huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-imsemmija sentenza.

52 Fil-fatt, bil-kontra ta' dak li jsostni r-Renju ta' Spanja, il-Qorti Ġenerali ma kkritikatux talli ma pproduċiex il-kuntratti pubbliċi neċessarji għall-evalwazzjoni tas-servizz kontenzjuż. Hekk kif jirriżulta mill-punt 77 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kienet korretta meta ddeċidiet li dan l-Istat Membru ma setax jikkritika lill-Kummissjoni talli bbażat l-analiżi tagħha fuq il-punti ta' fatt li hija kellha fid-data ta' meta ġiet adottata d-deċiżjoni kkontestata. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, li l-Qorti Ġenerali fakkret korrettament f'dan il-punt, il-legalità ta' deċiżjoni dwar għajnuna mill-Istat għandha tiġi evalwata skont l-elementi ta' informazzjoni li l-Kummissjoni seta' kellha fil-mument meta hija adottat din id-deċiżjoni (ara, b'mod partikolari, id-digriet tal-4 ta' Settembru 2014, Albergo Quattro Fontane *et* vs Il-Kummissjoni, C-227/13 P sa C-239/13 P, mhux ippubblikat, EU:C:2014:2177, punt 77 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

53 It-tielet nett, hekk kif enfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punt 159 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-argument ibbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali ma eżaminatx l-elementi kollha rilevanti intiżi li jiddefinixxu s-servizz pubbliku inkwistjoni, sa fejn il-Kummissjoni eżaminat kampjun ta' 82 sejħa għal offerti sabiex tevalwa l-kompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq intern, ma jistax jiġi milqugħ. Effettivament, dan il-fatt ma jimplikax li komunità awtonoma minbarra l-País Vasco wriet li s-servizz ta' tħaddim tan-netwerk terrestri għandu l-kwalità ta' SIEĠ fis-sens tas-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark (C-280/00, EU:C:2003:415).

54 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha esposti iktar 'il fuq, l-ewwel parti tal-ewwel aggravju għandha tiġi miċħuda.

Fuq it-tieni parti

– L-argumenti tal-partijiet

55 Permezz tat-tieni parti tal-ewwel aggravju, ir-Renju ta' Spanja jikkritika, b'mod iktar speċifiku, il-punti 81 sa 82 tas-sentenza appellata, sa fejn fihom il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha tar-raba' kriterju Altmark, li l-paragun mat-teknoloġija satellitari ma kienx suffiċjenti, fil-każ tal-País Vasco, biex jintwera li l-impriża inkwistjoni kienet l-iktar impriża effiċjenti.

56 Il-Kummissjoni ssostni li l-argumenti tar-Renju ta' Spanja ma humiex ċari u huma inammissibbli jew, f'kull każ, infondati.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

57 Sa fejn din il-parti tal-ewwel aggravju tirrigwarda allegat żball imwettaq mill-Qorti Ġenerali f'dak li jirrigwarda l-eżami tar-raba' kriterju Altmark, għandu jiġi osservat li, fid-dawl tan-natura kumulattiva tal-kriterji tas-sentenza Altmark, il-fatt li l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali li tgħid li wieħed minn dawn il-kriterji ma huwiex issodisfatt tkun żbaljata ma jistax iwassal għall-annullament tas-sentenza appellata, jekk, barra minn hekk, hija ma wettqet ebda żball ta' liġi f'dak li jirrigwarda l-evalwazzjoni ta' wieħed minn dawn il-kriterji l-oħra (sentenza tal-lum, Comunidad Autónoma del País Vasco *et* vs Il-Kummissjoni, C-66/16 P sa C-69/16 P, punt 49).

58 Issa, mill-eżami tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ċaħdet l-argumenti tar-Renju ta' Spanja li jikkontestaw il-konstatazzjonijiet li jidhru fil-premessi 119 sa 126 tad-deċiżjoni kkontestata li jgħidu li l-ewwel kriterju Altmark ma kienx issodisfatt.

59 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tieni parti tal-ewwel aggravju għandha titqies ineffettiva.

60 Għaldaqstant, l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud fit-totalità tiegħu.

Fuq it-tieni aggravju

L-argumenti tal-partijiet

61 Ir-Renju ta' Spanja jikkritika lill-Qorti Ġenerali talli wettqet żball ta' liġi, fil-punti 101 sa 110 tas-sentenza appellata, fl-analiżi tagħha tal-kompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq intern fis-sens tal-Artikolu 107(3)(ċ) TFUE. Dan l-Istat Membru jsostni li hemm diversi żbalji fir-raġunament tal-Qorti Ġenerali li juru li din ma wettqitx l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha konformement mal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tal-15 ta' Frar 2005, Il-Kummissjoni vs Tetra Laval (C-12/03 P, EU:C:2005:87, punt 39).

62 Fl-ewwel lok, ir-Renju ta' Spanja jqis li l-Qorti Ġenerali ma vverifikatx debitament l-eżattezza tal-elementi li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni kkontestata, meta ddeċidiet, fil-punt 104 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma kinitx obbligata li tipprovdi d-dettalji fuq il-kampjun ta' sejħiet għal offerti li hija ħadet inkunsiderazzjoni sabiex tikkonkludi li l-prinċipju ta' newtralità teknoloġika ma kienx ġie osservat. F'dan ir-rigward, il-ġurisprudenza ċċitata f'dan il-punt mill-Qorti Ġenerali ma hijiex rilevanti għaliex, fil-kawżi li taw lok għal din il-ġurisprudenza, is-sejħiet għal offerti individwali ma kinux jifformaw parti mid-deskrizzjoni tal-miżura ta' għajnuna. Issa, f'dan il-każ, hekk kif jirriżulta mill-premessi 23 sa 36 tad-deċiżjoni kkontestata, is-sejħiet għal offerti jifformaw parti integrali mill-miżura inkwistjoni.

63 Fit-tieni lok, skont dan l-Istat Membru, il-Qorti Ġenerali ma vverifikatx il-kredibbiltà tal-koerenza tal-kampjun ta' sejħiet għal offerti li fuqu bbażat ruħha l-Kummissjoni u jekk din tal-aħħar kinitx użat id-data rilevanti. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali allegatament wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 108 tas-sentenza appellata, li l-awtoritajiet Spanjoli naqsu milli jipprovdu l-elementi neċessarji sabiex jiġi deċiż li l-għajnuna hija kompatibbli. Minn naħa, il-Kummissjoni nnifisha ddeċidiet li tanalizza kampjun ipprovdut mill-awtoritajiet Spanjoli u hija ddikjarat quddiem il-Qorti Ġenerali li hija ma kinitx taf in-numru ta' sejħiet għal offerti li hija kienet eżaminat. Min-naħa l-oħra, il-kwistjoni tal-kredibbiltà tal-kampjun ipprovdut mill-awtoritajiet Spanjoli fil-kuntest tal-proċedura ġudizzjarja hija f'kull każ irrilevanti, sa fejn l-istħarriġ tal-legalità tad-deċiżjoni kkontestata kellu jitwettaq skont elementi disponibbli fid-data ta' meta din id-deċiżjoni ġiet adottata.

64 Fit-tielet lok, billi kkonfermat il-konklużjoni tal-Kummissjoni li tgħid li l-miżura inkwistjoni ma kinitx teknoloġikament newtrali, il-Qorti Ġenerali, permezz tal-motivazzjoni tagħha stess, imliet il-lakuni li jinsabu fid-deċiżjoni kkontestata.

65 Fir-replika tiegħu, ir-Renju ta' Spanja jispeċifika li t-tieni aggravju jirrigwarda n-negliġenza tal-Kummissjoni sa fejn hija ma eżaminatx is-sejħiet għal offerti kollha prodotti mill-awtoritajiet Spanjoli. Din il-kwistjoni tirrigwarda s-setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni u tista' għalhekk tkun is-suġġett ta' appell.

66 Il-Kummissjoni tenfasizza, preliminarjament, li dan l-aggravju ma jirrigwardax il-punt 96 tas-sentenza appellata u li, konsegwentement, ma jistax jinftiehem bħala li jikkontesta l-analiżi tal-kompatibbiltà tal-għajnuna fid-dawl tal-Artikolu 106(2) TFUE. Barra minn hekk, skont il-Kummissjoni, permezz ta' dan l-aggravju, ir-Renju ta' Spanja jistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tistħarreġ *ex-officio* s-sentenza tal-Qorti Ġenerali u għalhekk irid jintroduċi, fl-istadju tal-appell, kwistjonijiet li ma tqajjmux quddiem il-Qorti Ġenerali, u dan jagħmel l-imsemmi aggravju inammissibbli.

67 Barra minn hekk, hija ssostni li l-kritika magħmula mir-Renju ta' Spanja fir-rigward tal-analiżi mwettqa mill-Qorti Ġenerali abbażi tal-kampjun ta' sejħiet għal offerti hija infondata.

68 Fil-kontroreplika tagħha, il-Kummissjoni tenfasizza li, bil-kontra ta' dak li jawtorizza l-Artikolu 127(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, mir-replika tar-Renju ta' Spanja jirriżulta li huwa jestendi t-tieni aggravju għall-elementi kkonċernati mill-ewwel aggravju. Dan l-Istat Membru għalhekk jallega, b'mod ġenerali, l-eżistenza ta' stħarriġ ġudizzjarju insuffiċjenti anki f'dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju, filwaqt li, skont dan l-ewwel aggravju, dan jirrigwarda biss l-iżball ta' liġi mwettaq mill-Qorti Ġenerali f'dak li jirrigwarda l-eżistenza ta' SIEĠ.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

69 Permezz tat-tieni aggravju, ir-Renju ta' Spanja jikkritika lill-Qorti Ġenerali talli wettqet diversi żbalji ta' liġi fil-kuntest tal-eżami tal-analiżi tal-Kummissjoni dwar il-kompatibbiltà tal-miżura inkwistjoni mas-suq intern fis-sens tal-Artikolu 107(3)(ċ) TFUE.

70 Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li għaliha għamlet ġustament riferiment il-Qorti Ġenerali fil-punt 99 tas-sentenza appellata, fil-kuntest tal-istħarriġ li l-qrati tal-Unjoni jeżerċitaw fuq l-evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi mwettqa mill-Kummissjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, ma huwiex il-kompitu tal-qorti tal-Unjoni li tissostitwixxi l-evalwazzjoni ekonomika tal-Kummissjoni b'dik tagħha. Madankollu, il-qorti tal-Unjoni ma għandhiex tivverifika biss l-eżattezza materjali tal-provi invokati, il-kredibbiltà tagħhom u l-koerenza tagħhom, iżda għandha wkoll tistħarreġ jekk dawn l-elementi jikkostitwixxux id-data kollha rilevanti li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata sitwazzjoni kumplessa u jekk humiex tali li jsostnu l-konklużjonijiet misluta minnhom (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-24 ta' Ottubru 2013, Land Burgenland *et* vs Il-Kummissjoni, C-214/12 P, C-215/12 P u C-223/12 P, EU:C:2013:682, punti 78 u 79, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

71 Qabel kollox, hemm lok li jiġi miċħud l-argument tar-Renju ta' Spanja li jgħid li l-Qorti Ġenerali astjeniet ruħha milli tivverifika l-eżattezza materjali tal-provi li fuqhom il-Kummissjoni bbażat ruħha biex tiddeċiedi, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-miżura inkwistjoni ma setgħetx titqies li hija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(ċ) TFUE, minħabba li din il-miżura ma kinitx tosserva l-prinċipju ta' newtralità teknoloġika.

72 Fil-fatt, mir-rikors għal annullament ma jirriżultax li r-Renju ta' Spanja sostna quddiem il-Qorti Ġenerali li l-Kummissjoni bbażat ruħha fuq elementi li kienu materjalment ineżatti.

73 Barra minn hekk, l-argument tar-Renju ta' Spanja jista' jiġi miġbur fil-qosor bħala li jikkontesta d-dikjarazzjoni, li tinsab fil-punt 104 tas-sentenza appellata, li tgħid li l-Kummissjoni ma kinitx obbligata li tipprovdi iktar dettalji fir-rigward tan-nuqqas ta' osservanza tal-prinċipju ta' newtralità teknoloġika minn dawk li jidhru fil-premessi 148 sa 171 tad-deċiżjoni kkontestata, minħabba li l-ġurisprudenza li fuqha tibbaża ruħha l-Qorti Ġenerali f'dan il-punt ma kinitx applikabbli f'dan il-każ.

74 Fil-punt 104 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ġustament għamlet riferiment għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li tgħid li, fil-każ ta' skema ta' għajnuna, il-Kummissjoni tista' sempliċement tistudja l-karatteristiċi tal-iskema inkwistjoni sabiex tevalwa, fil-motivi

tad-deċiżjoni, jekk din l-iskema għandhiex natura neċessarja għat-twettiq ta' wieħed mill-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 107(3) TFUE. Għalhekk, il-Kummissjoni, f'deċiżjoni li tirrigwarda tali skema, ma hijiex marbuta twettaq analiżi tal-għajnuna mogħtija f'kull każ individwali abbażi ta' tali skema. Huwa biss fl-istadju tal-irkupru tal-għajnuna li jkun meħtieġ tiġi vverifikata s-sitwazzjoni individwali ta' kull impriża kkonċernata (sentenza tat-13 ta' Ġunju 2013, HGA *et* vs Il-Kummissjoni, C-630/11 P sa C-633/11 P, EU:C:2013:387, punt 114 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

75 Issa, huwa biżżejjed li jiġi enfasizzat li r-Renju ta' Spanja ma jikkontestax li l-miżura inkwistjoni tikkostitwixxi skema ta' għajnuna fis-sens tal-ġurisprudenza msemmija fil-punt preċedenti, b'tali mod li din il-ġurisprudenza hija applikabbli għalih. F'dan ir-rigward, iċ-ċirkustanza invokata mir-Renju ta' Spanja, ibbażata fuq il-fatt li, f'dan il-każ, is-sejħiet għal offerti individwali inkwistjoni jifformaw parti mid-deskrizzjoni tal-miżura ta' għajnuna, hija irrilevanti.

76 Sussegwentement, l-anqas l-argument tar-Renju ta' Spanja li jgħid li l-Qorti Ġenerali ma vverifikatx il-kredibbiltà u l-koerenza tal-kampjun ta' sejħiet għal offerti li fuqu bbażat ruħha l-Kummissjoni ma jista' jiġi milqugħ.

77 Fil-fatt, mill-punt 106 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali wettqet tali verifika sabiex tirrispondi l-argument tar-Renju ta' Spanja bbażat fuq l-assenza ta' rappreżentattività tal-kampjun ta' sejħiet għal offerti użat mill-Kummissjoni. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, għalkemm, minn fost it-82 sejħiet għal offerti analizzati mill-Kummissjoni, 65 minnhom kienu sejħiet għal offerti għal provvisti mhux ikkonċernati mid-deċiżjoni kkontestata, is-17-il sejħiet għal offerti analizzati li kienu jirrigwardaw l-estensjoni tan-netwerk jirrapreżentaw, f'kull każ, kampjun suffiċjentement sinjifikattiv f'dan ir-rigward fid-dawl, b'mod partikolari, tal-fatt li l-proċedura amministrattiva kienet tikkonċerna 16-il komunità awtonoma fi Spanja.

78 Issa, fl-appell tiegħu, ir-Renju ta' Spanja la għamel xi argument intiż li jsostni li din l-evalwazzjoni hija manifestament żbaljata u lanqas, *a fortiori*, ma pproduċa elementi li jistgħu jwasslu għal tali konklużjoni.

79 Fl-aħħar nett, sa fejn dan l-Istat Membru jillimità ruħu li jiddikjara li l-Qorti Ġenerali mliet lakuni li jinsabu fid-deċiżjoni kkontestata permezz tal-motivazzjoni tagħha stess, mingħajr ma jispeċifika r-raġunijiet li wassluh sabiex jagħmel tali argument u mingħajr lanqas ma ta indikazzjoni tal-punti tas-sentenza appellata li huwa jrid jikkontesta, dan l-argument huwa inammissibbli.

80 Għaldaqstant, it-tieni aggravju għandu jiġi miċħud għaliex parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

81 Minn dan isegwi li l-appell għandu jiġi miċħud fit-totalità tiegħu.

Fuq l-ispejjeż

82 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. L-Artikolu 138(1) tal-istess regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell skond l-Artikolu 184(1) tal-istess regoli, jipprevedi li l-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ntalbu.

83 Peress li r-Renju ta' Spanja tilef, hemm lok li huwa jiġi ordnat ibati l-ispejjeż kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) Ir-Renju ta' Spanja għandu jbati l-ispejjeż.

Firem